# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Magistrat**
**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 655/2014**

**IL-PULIZIJA**

**Vs**

**JOSEPH DARMANIN**
(I.D. 231272M)
u
**CARMEL SALIBA**
(I.D. 225577M)

**Illum 15 ta' Mejju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **JOSEPH DARMANIN** detentur tal-karta tal-identita' numru: 231272(M) u **CARMEL SALIBA** detentur tal-karta tal-identita' numru 225577(M), tressqu quddiemha akkuzati:-

Lil **JOSEPH DARMANIN** wahdu talli:

Nhar it-3 ta' Ottubru, 2012 ghall-habta tad-disgha neqsin ghoxrin ta' filghaxija (20:40hrs) gewwa Triq it-Tempesta, Qrendi:

1. Bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Joseph Mifsud minorenni mill-Imqabba, kontra l-volonta` tieghu, jew ta il-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza bil-hsieb li jaghmel hsara lil Joseph Mifsud u Josuel Farrugia, akkuza lil dawn il-persuni quddiem awtorita` kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li dawk il-persuni huma innocenti, ghall-fatt biss li jkun akkuzaha, kif ukoll bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra Joseph Mifsud u Josuel Farrugia, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hajta ta' reat, jehel, meta jinsb hati, bhal xhud falz;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza bil-hsieb li jaghmel delitt ta' feriti gravi fuq Joseph Mifsud, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu u ghamel griehi ta' natura hafifa, skond kif iccertifika Dr. C Mercieca M.D. (Reg. No. 2251) mill-Poliklinika tal-Furjana;

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Joseph Mifsud biza' li ser tintuza l-vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu;

5. Talli fl-istess data, lok hin u cirkostanza permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li ser jaghmel xi reat;

Lil **CARMEL SALIBA** wahdu talli:

6. Nhar it-2 ta' Ottubru, 2012 bil-qerq holoq jew giegel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna/i ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna/i tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata/i jew misjuba/i hatja ta' reat, jehel, meta jinsab hati, bhala xhud falz.

Il-Qorti giet gentilment mitluba biex f'kaz ta' sejbien u ta' htija sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Joseph Mifsud u Josuel Farrugia u/jew ta' persuni ohra, joghgobha tapplika l-provedimenti tal-Artikli 383 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali a tenur tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9, sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja[1];

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni moghti mis-S.T.O il-Prim'Imhallef u dan b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat ix-xhieda moghtija quddiem il-Qorti diversament preseduta u rat ukoll illi giet ezentata milli terga' tisma' dawk ix-xiehda li kienu ddeponew quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

[1] Fol. 35.

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tal-avukati difensuri taz-zewg imputati;

Ikkunsidrat;

L-imputat Joseph Darmanin gie akkuzat bir-reat prospettat taht l-Artikolu 86 tal-Kodici Kriminali, cioe` illi bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, zamm jew issekwestra lil Joseph Mifsud kontra l-volontà tieghu.

L-istess imputat gie mixli wkoll talli akkuza lil Joseph Mifsud quddiem awtorita` kompetenti b'reat meta kien jaf illi l-imsemmija persuna kienet innocenti, kif ukoll, permezz tat-tielet akkuza, illi ghamel tenattiv ta' delitt li jikkaguna feriti gravi fuq Joseph Mifsud, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu, u li kkaguna wkoll griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-istess Joseph Mifsud.

Ir-raba' imputazzjoni taddebita lill-imputat Darmanin illi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Joseph Mifsud biza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu u finalment l-istess Joseph Darmanin gie akkuzat ukoll b'reat taht il-Kapitolu 399 tal-

Ligijiet ta' Malta u cioe` illi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li ser jaghmel xi reat.

Illi z-zewg imputati Joseph Darmanin u Carmel Saliba gew entrambe mixlija talli bil-qerq holqu jew gieghlu li jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna jew persuni, liema persuni, fil-kaz tal-imputazzjoni kontra Joseph Darmanin, gew indikati bhala Joseph Mifsud u Josuel Farrugia, u dan bil-hsieb illi dawn il-persuni jistghu jigu kontra s-sewwa akkuzati jew jigu misjuba hatja ta' reat.

Ikkunsidrat;

**<u>FATTI TAL-KAZ</u>**

Illi l-investigazzjonijiet mill-Pulizija f'dan il-kaz inbdew minn rapport li ghamel Joseph Darmanin fit-2 ta' Ottubru 2012 ghall-habta tal-10.00 a.m. wara li sab illi xi hadd kien ta n-nar lill-kamra tieghu li tinsab fil-limiti tal-Qrendi u dan sfat mahruqa. Meta mar jaghmel dan ir-rapport, l-imputat Darmanin kien akkumpanjat mill-imputat Carmel Saliba, u dan ghaliex l-istess imputat Saliba kien infurmah illi l-gurnata ta' qabel, fl-1 ta' Ottubru 2012 ghall-habta tat-8.30 p.m., huwa kien ra lil zewg persuni li huwa gharafhom bhala Joseph Mifsud u Josuel Farrugia li kien jafhom personalment, igorru tyres u landa u jaghtu n-nar lill-ghalqa fejn tinsab din il-kamra tal-imputat Darmanin, u kien ra wkoll lil din il-kamra taqbad. L-imputat Saliba gharraf lill-Pulizija b'din il-verzjoni ta' fatti meta mar mal-imputat Darmanin fl-Ghassa sabiex isir ir-rapport dwar il-hruq tal-kamra.

Muniti b'din l-informazzjoni l-Pulizija arrestaw lill-imsemmija Joseph Mifsud u Josuel Farrugia li, da parti taghhom innegaw l-involviment taghhom fil-hruq tal-kamra tal-imputat Darmanin u cahdu wkoll li kienu fl-inhawi ta' din il-kamra fid-data u l-hin imsemmija mill-imputat Saliba. Jirrizulta wkoll illi Joseph Mifsud allega mal-Pulizija illi l-imputat Darmanin kien hebb ghalih meta kien fuq l-istage (*bus stop*) jistenna x-xarabank gewwa l-Qrendi, u dan billi sakkru fl-istage u sawtu b'bicca hadida. Minn investigazzjonijiet ulterjuri li ghamlu l-Pulizija, fosthom verifiki li saru mas-*service providers* tal-linji cellulari, gie allegat li jirrizulta, *inter alia*, illi l-persuni indikati mill-imputat Saliba ma kienux jinsabu fl-akkwati tal-kamra fil-gurnata u l-hin li huwa allega li ra lil dawn il-persuni jaghtu n-nar lill-kamra tal-imputat Darmanin.

Sussegwentement, iktar minn sena u nofs wara illi gew interrogati mill-Pulizija dwar allegat rapport falz u rrilaxxaw stqarrija, iz-zewg imputati odjerni Joseph Darmanin u Carmel Saliba, tressqu quddiem il-qorti mixlija b'diversi akkuzi relatati ma' dan l-episodju,

**<u>OSSERVAZZJONIJIET PRELIMINARI</u>**

Il-Qorti qieghda qabel xejn tqanqal l-inammissibbilita` bhala prova tal-istqarrija li ttiehdet minghand l-imputat Joseph Darmanin u l-imputat Carmel Saliba, entrambe fis-27 ta' Dicembru 2014 u li jinsabu esebita a fol. 28 *et seq.* u a fol. 163 *et seq.* Dan minhabba li fiz-zmien meta ttiehdu din l-istqarrija, l-imputati, allura suspettati, ma kellhomx dritt ghal assistenza legali waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija u effettivament f'dan il-kaz l-istqarrijiet ittiehdu minghand l-imputati mhux biss minghajr il-presenza u assistenza ta' avukat izda minghajr lanqas ma nghatalhom id-dritt li jaghzlu li jkollhom din l-assistenza legali.

Il-gurisprudenza l-aktar recenti tal-Qorti Kostituzzjonali fosthom is-sentenzi fl-ismijiet **Gordi Felice vs Avukat Generali**[2] u **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[3], moghtija fuq l-iskorta ta' diversi decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, pacifikatament tirritjeni li r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta jitlob li jkun hemm <u>dritt ghall-assistenza legali f'kull stadju tal-investigazzjoni tal-pulizija</u>, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Fil-kaz deciz recentement mill-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Fazli Kaya vs Turkey**[4], gie ribadit illi jkun hemm lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq meta l-akkuzat ma jkollux jedd ghall-assistenza tal-avukat matul l-interrogazzjoni ghaliex il-ligi tal-pajjiz ma tkunx tippermetti din l-assistenza.

Illi meta ghalhekk il-ligi taghna eskludiet il-jedd ghall-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija billi fiz-zmien li ttiehdu l-istqarrijiet minghand l-imputati odjerni, f'Dicembu tas-sena 2012, ma kienx hemm disposizzjoni *ad hoc* li jinghata dan il-jedd lil persuna arrestata jew suspettata, is-salvagwardji necessarji kontra l-periklu li ssehh lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-persuna akkuzata, kienu mankanti. Il-Qorti tqis illi dan jghodd ukoll fil-kaz odjern minkejja li ma jirrizultax li saret xi dikjarazzjonijiet daqshekk inkriminanti fl-istqarrijiet moghtija mill-imputati. Hija wkoll tal-fehma illi kull haga li jkun intqal jew ma jkunx intqal waqt l-interrogazzjoni li tkun saret minghajr ma jkun inghata d-dritt ghall-assistenza legali waqt l-istess interrogazzjoni, billi kien hemm mankanti s-salvagwardji kontra r-riskju ta' intralc tad-dritt ghal smigh xieraq, ma tistax tiqies li hija ammissibbli bhala prova valida fil-proceduri kriminali li jkunu eventwalment ittiehdu kontra l-istess persuna.

Fil-kawza odjerna, mehud qies tal-konsiderazzjonijiet hawn maghmula, il-Qorti tqis li jkun ghaqli li sabiex jigi evitat li l-proceduri odjerni jigu kompromessi b'xi forma ta'

[2] Deciza fis-27 ta' Novembru 2017.

[3] Deciza fil-5 ta' Ottubru 2018.

[4] Appl. No. 24820/05, deciz 17/09/2015.

irregolarita` li tista' twassal ghall-ksur tad-dritt tal-imputati ghal smigh xieraq, m'hijiex sejra taghmel uzu mill-kontenut tal-imsemmija stqarrijiet tal-imputati meta tigi biex tqis il-provi migjuba f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat;

**IMPUTAZZJONIJIET MIGJUBA KONTRA L-IMPUTAT JOSEPH DARMANIN**

Il-Qorti sejra tibda billi tikkunsidra l-imputazzjonijiet migjuba biss kontra l-imputat Darmanin wahdu.

Qabel xejn tosserva illi l-imputat Joseph Darmanin gie mixli li kkommetta r-reat kollha li gew addebitati lilu, **fit-3 ta' Ottubru 2012 fil-20.40h** gewwa Triq it-Tempesta, Qrendi, filwaqt illi r-reat addebitat fl-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Carmel Saliba gie allegatament kommess minnu **fit-2 ta' Ottubru 2012**.

**Ir-Reat Prospettat taht l-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9.**

Dan l-Artikolu jipprovdi hekk:-

*"Kull min, bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, jeħel, meta jinsab ħati, ilpiena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn:"*

Huwa pacifikatament ritenut illi sabiex jissussisti r-reat tas-sekwestru tal-persuna huwa bizzejjed illi tirrizulta xi wahda mic-cirkostanzi ravvizati fl-Artikolu 86 u cioe` l-arrest, jew iz-zamma jew is-sekwestru tal-persuna kontra l-volonta taghha, u dan minghajr ordni skond il-ligi tal-awtorita` kompetenti[5]. Il-Professur Mamo fin-Noti tieghu[6] jghid hekk dwar l-element materjali tar-reat in dizamina:-

*"... the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid, para 323) ... Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested.*"[7]

Ikkunsidrat;

Il-Qorti ezaminat akkuratament il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni in sostenn ta' din l-imputazzjoni, u tosserva illi l-unika accenn li sar ghas-sekwestru, arrest jew detenzjoni ta' Joseph Mifsud, kien fix-xhieda tal-istess allegat vittma meta xehed illi l-imputat Darmanin "*sakkarni go stage. U hareg ghalija, jghajjat mieghi u hekk.*" Filwaqt li ma ingiebet ebda prova ohra kwalsiasi biex issahhah l-allegat sekwestru illegali, u lanqas jirrizulta jekk l-allegat sekwestru jew detenzjoni effettivament sehhx fit-3 ta' Ottubru 2012 kif addebitat fic-citazzjoni, il-Qorti tosserva wkoll illi fix-xhieda tieghu Joseph Mifsud f'ebda mument ma **fisser kif sehh dan l-allegat sekwestru u b'liema mod gie allegatament imsakkar fl-istage mill-imputat Darmanin**. Lanqas gie allegat mix-xhud illi meta kien fuq l-istage in kwistjoni**, il-movimenti tieghu**

---

[5] **Il-Pulizija vs Chrisopher Ellul** – Qorti tal-Appell Kriminali (Inf.), deciz fis-7 ta' Mejju 2001.

[6] *Notes on Criminal Law* [1953 edit.] [Part. II p. 40].

[7] **Il-Pulizija vs Mohamed Elbozidi** – Qorti tal-Appell Kriminali (Inf.), deciz fid-19 ta' Frar 2004. Ara wkoll **Il-Pulizija (Sp. Jesmond Borg) vs Joanne Ellul** – Qorti tal-Appell Kriminali, deciz fit-28 ta' Frar 2018.

**kienu ristretti jew ma kienx liberu li jitlaq minn fuq l-istage**. Dan it-taghrif, fil-fehma tal-Qorti, kien indispensabbli biex jigi konstatat illi effettivament sar is-sekwestru, arrest jew detenzjoni kontemplata fil-ligi u kwindi biex issir il-prova mehtiega tal-element materjali tar-reat.

Apparti dan, il-Qorti ma ghandha quddiemha ebda deskrizzjoni ta' dan l-istage li tista' taghti x'tifhem, talanqas, illi dan huwa struttura li tista' tinghalaq jew tissakkar b'xi mod u billi, kif inghad, ix-xhud ma semma mkien illi l-entratura tal-istage giet maghluqa b'xi vettura jew bil-persuna ta' Darmanin il-Qorti ssibha wisq difficli tifhem kif bniedem cioe` l-imputat Darmanin seta' isakkar persuna gewwa stage, jekk mhux ghaliex huwa zamm il-persuna ta' Mifsud milli jaghmel xi moviment biex jitlaq mill-imsemmi post. F'kull kaz pero`, ma jirrizulta minn imkien mid-depozizzjoni ta' Joseph Mifsud illi l-imputat Darmanin messu, wisq anqas zammu milli jiccaqlaq.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-element materjali tal-arrest, id-detenzjoni jew is-sekwestru tal-persuna ta' Joseph Mifsud, ma giex ippruvat sodisfacjentement u fil-grad rikjest sabiex tinsab reita` fl-imputat Darmanin ghar-reat prospettat mill-Artikolu 86 tal-Kodici Kriminali.

**<u>Ir-Reat ta' Kalunnja taht l-Artikolu 101 tal-Kapitolu 9</u>**

Illi fit-tieni imputazzjoni, l-imputat Joseph Darmanin jinsab akkuzat b'zewg reati ulterjuri izda distinti minn xulxin: l-ewwel wiehed huwa dak ikkontemplat fl-Artikolu 101 tal-Kapitolu 9 u cioe` dik tal-kalunnja, filwaqt illi t-tieni wiehed huwa dak previst fl-Artikolu 110(1) u cioe` r-reat tal-holqien qarrieqi ta' provi foloz.

L-Artikolu 101 tal-Kodici Kriminali jinkrimina l-falza denunzja ta' persuna quddiem awtorita` kompetenti b'reat. Dan ir-reat jitwettaq b'rapport jew kwerela kemm jekk maghmula verbalment jew bil-miktub, li jsiru quddiem awtorita` kompetenti: din ix-xorta ta' kalunnja hija maghrufa bhala verbali u diretta.

L-Artikolu 101 jipprovdi hekk:-

**101.** "*(1) Kull min bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil xi persuna, jakkuża lil dik il-persuna quddiem awtorità kompetenti b'reat, filwaqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innoċenti, għall-fatt biss li jkun akkużaha, jeħel, meta jinsab ħati…*"

Mid-dicitura tal-imsemmi Artikolu 101, huwa manifest illi ghandu jintwera illi l-intenzjoni tal-persuna li hija akkuzata b'dana ir-reat, hija illi taghmel hsara lil persuna jew persuni illi jigu akkuzati ingustament. Huwa mehtieg ukoll illi r-rapport falz jew id-denunzja falza:- issir quddiem awtorita` kompetenti li ghandha s-setgha li tipprocedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il-Qorti lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkomettiet dak ir-reat[8]; tkun dwar delitt jew kontravvenzjoni li jaghtu lok ghal azzjoni kriminali prosegwibbli quddiem il-qrati ta' kompetenza kriminali[9]; kif ukoll tkun tali illi minhabba fiha, setghet tittiehed jew effettivament ittiehdet fil-konfront tal-persuna jew persuni falzament akkuzati.

Il-Professur Sir Anthony Mamo[10] josserva hekk fir-rigward tal-element formali ta' dan ir-reat:-

[8] Ara in propositu: **Il-Pulizija vs Joseph Seycell**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriinali fis-17 ta' Ottubru 1997.

[9]Ara sentenza moghtija fis-7 ta' Novembru 1949 mill- Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincenzo Attard.**

[10] Notes on Criminal Law, Vol. 2, page 62.

"*The accuser who gives the information or makes the report or complaint to the competent authority against another person may have grounds for believing or at least suspecting him to be guilty of the offence charged. Notwithstanding that the evidence may subsequently disclose and establish the innocence of the accused, the law could not reasonably punish the accuser who would not have acted from malice and would have merely used and not abused a right which is competent to him. Even in Roman Law – which repressed calumny with the greatest severity – the acquittal of the accused was not reason enough for subjecting the accuser to the punishment for calumny…. Indeed such punishment could not even be applied in the case in which the accuser had acted rashly or with patent imprudence without pondering on the consequences of the accusation he was making. In our law which requires the intent to harm, the same principles apply."* [enfasi tal-Qorti]

F'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, inghad ukoll hekk fir-rigward:-

*"Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta' kalunnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l-element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzata b'reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kenitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut, wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghal konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel." (Il-Pulizija vs Doreen Zammit – 15/06/2001)."* [Enfasi ta' din il-Qorti]

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda billi tosserva illi anke irrispettivament mill-applikazzjoni ta' dan l-insenjament in propositu tar-reat taht l-Artikolu 101 tal-Kap. 9, huwa minnufih evidenti illi l-kalunnja li biha jinsab mixli l-imputat Joseph Darmanin fit-tieni imputazzjoni, cioe` illi akkuza lil Joseph Mifsud quddiem awtorita` kompetenti b'reat meta kien jaf illi l-imsemmija persuna kienet innocenti, ma tirrizultax.

Kif gia` nghad, fic-citazzjoni dan l-imputat gie mixli li kkommmetta r-reati kollha lilu addebitati, inkluz ghalhekk ir-reat tal-kalunnja taht l-Artikolu 101 tal-Kapitolu 9, **fit-3 ta' Ottubru 2012 fid-8.40 p.m.**, u dan minghajr ebda indikazzjoni li dan ir-reat seta' gie kommess f'data ohra vicina. Dan ifisser illi kif impostata, l-imsemmija imputazzjoni hija limitata ghal fatti li allegatament sehhew fil-gurnata tat-3 ta' Ottubru 2012 fil-hin indikat, u ma tistax testendi fil-parametri temporali taghha, ghal xi data jew hin iehor precedenti.

Madanakollu, mill-PIRS esebit a fol 23 *et seq*. tal-atti, u iktar minn hekk mix-xhieda tal-Ispettur Lara Butters[11], jirrizulta illi r-rapport li sar mill-imputat Darmanin fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq, fejn huwa gharraf lill-Pulizija bil-hruq tal-kamra tieghu li tinsab fl-inhawi maghruf bhala Ix-Xaghri tas-Smid, fil-limiti tal-Qrendi, **sar fit-2 ta' Ottubru 2012 ghall-habta tal-10.00 a.m.** Dan ir-rapport huwa l-uniku wiehed li mill-atti jidher li sar b'rabta mal-imsemmi Joseph Mifsud u Josuel Farrugia, quddiem awtorita` kompetenti, u ma hemm ebda prova illi l-imputat Darmanin ghamel rapport iehor fil-konfront ta' Joseph Mifsud u Josuel Farrugia fit-3 ta' Ottubru 2012.

Illi s-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa car f'dak li ghandu jissemma specifikatament fic-citazzjoni, u jipprovdi li:

---

[11] 22 ta' April 2015, fol. 43 *et seq*.

"*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw......*"

Illi fis-sentenza moghtija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Pulizija vs John Mary Briffa**, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal hekk:-

"*L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara.*"[12]

Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Warren Piscopo** u **Pulizija vs Rita Thuema**, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.

Stabbiliti dawn il-principji dottrinali u applikati ghall-kaz in ezami, huwa car allura illi l-imputat Darmamin ma jistax jinsab hati tar-reat ta' kalunnja fit-tieni imputazzjoni talanqas kwantu r-reat tal-kalunnja, billi din tirreferi ghal partikolarita` ta' hin u zmien differenti minn dak li fih sehhew l-fatti li wasslu ghall-imputazzjoni odjerna. Billi ma jirrizultax illi ntalbet xi korrezzjoni mill-Prosekuzzjoni biex din il-partikolarita` taz-zmien indikata fl-imputazzjoni in dizamina, li jirrizulta illi hija manifestament zbaljata, tigi tirrifletti dak li jirrizulta b'mod evidenti mill-provi, il-Qorti tqis illi ma

[12] Ara wkoll in propositu **Il-Pulizija (Spettur Nadia Lanzon) vs Rita Zammit**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' April 2005; **Il-Pulizija (Spettur Pierre Micallef Grimaud) vs Christopher Ryan et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' April 2014 u **Il-Pulizija vs Raymond Xerri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar 2017.

hemmx provi fl-atti li jissostanzjaw l-imputazzjoni li saret denunzja falza mill-imputat Darmanin fit-3 ta' Ottubru 2012 fid-8.40 p.m. u fuq din il-kunsiderazzjoni biss, l-imputat ma jista' qatt jinsab hati tal-imputazzjoni kif dedotta.

Dan premess izda, il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi mill-provi akkwiziti jirrizulta ulterjorment illi ma kienx l-imputat Darmanin, meta ghamel l-imsemmi rapport lill-Pulizija, li ddenunzja lil Joseph Mifsud u lil Josuel Farrugia, ghaliex l-allegazzjoni dwar l-involviment ta' dawn iz-zewg persuni fil-hruq tal-kamra tieghu, jirrizulta li saret mill-imputat Carmel Saliba u mhux ukoll mill-imputat Darmanin.

Dan jinsab ikkonfermat mill-Ispettur Lara Butters li, fid-depozizzjoni taghha filwaqt li xehdet illi l-imputat Darmanin kien stqarr maghha meta mar jirrapporta l-Ghassa tal-Pulizija fit-2 ta' Ottubru 2012, illi sab il-kamra tieghu mahruqa, fir-rigward tal-imputat Saliba xehdet hekk:

"*Kellimni wkoll Carmel li kien gie mieghu, fuq l-istess ghalqa fejn hu qal li l-gurnata ta' qabel, jigifieri l-ewwel ta' Ottubru (01/10) …. Hu kien qieghed fil-vicin, fl-istess inhawi u kien innota zewg (2) persuni dehlin fl-ghalqa ta' Joseph Darmanin. Hu kien indika li dawn il-persuni kienu Joseph Mifsud maghrif bhala c-Caqwes flimkien ma' Joswell Farrugia. F'idejhom dawn it-tnejn min-nies kellhom wiehed landa fil-waqt li l-iehor kelli zewg tyres u … ftit ta-hin wara l-kamra tal-imsemmia Joseph Darmanin bdiet tinharaq.*"

Konsegwentement, billi fir-rigward tal-imputat Darmanin ma jirrizultax l-element materjali tad-denunzja ta' persuna ohra, ma jista' qatt jinsab f'dan l-imputat htija ghar-reat taht l-Artikolu 101 tal-Kaptiolu 9. Fil-fatt, minn ezami akkurat tal-atti, ma hemm ebda prova kwalsiasi illi l-imputat Darmanin iddenunzja lil xi persuni bil-hruq tal-kamra. Ghalkemm tassew jirrizulta li huwa rrapporta l-hruq tal-kamra tieghu, il-Qorti

fehmet illi kien biss fuq taghrif lilu moghti mill-imputat Saliba li gew denunzjati Joseph Mifsud u Josuel Farrugia.

Il-Qorti tqis ukoll illi anke jekk kellu jigi koncess illi kien l-imputat Darmanin li ddenunzja lil Mifsud u lil Farrugia meta mar jirrapporta l-hruq lill-Pulizija, mizmum ferm l-insenjament fuq citat dwar l-elementi kostituttivi tar-reat tal-kalunnja taht l-Artikolu 101, xorta wahda l-element formali tar-reat ma jista' qatt jissussisti fl-imputat Darmanin. Dan ghaliex ma jirrizultax illi hu seta' qatt kellu l-hsieb li jiddenunzja dolozament u jaghmel hsara lil dawn il-persuni meta huwa indiskuss illi huwa agixxa unikament fuq informazzjoni moghtija lilu mil-imputat Saliba.

Din il-konkluzjoni tinsab sorretta ulterjorment mix-xheda tal-eks Spettur Carol Fabri, li spjegat li meta hija gharrfet lill-imputat li kieku kellu jirrizulta li kien ghamel rapport falz, kien ser jigi mixli fil-qorti, huwa wiegeb hekk:- "*Le, jien qed noqghod fuq dak li qed jghidli Saliba*". Dan ikompli jikkonvinci lill-Qorti illi l-imputat Darmanin ma jista' qatt jitqies illi jaf li l-imsemmija persuni ma kienux effettivament involuti fil-hruq tal-proprjeta` tieghu. F'kull kaz, minn ezami tal-provi l-Qorti fehmet ukoll illi qabel gie mgharraf mill-imputat Saliba blallegat involviment ta' Mifsud u Farrugia fil-hruq tal-kamra tieghu, u sakemm mar jaghmel ir-rapport lill-Pulizija, l-imputat Darmanin lanqas kien jaf min huma l-persuni denunzjati.

Konformement, ma jista' qatt jinsab fl-agir ta' dan l-imputat l-element doluz li jagixxi biex jaghmel hsara lil dawn iz-zewg persuni. Wara kollox, kif gie ritenut in propositu:-

*"The knowledge on the part of the informer or complainant of the innocence of the person to whose charge the information is laid or the complaint made must be certain,*

*so that it can be said that he deliberately and maliciously made the false imputation."*[13]

Ghaldaqstant, hija l-fehma tal-Qorti li l-imputat Darmanin ghandu jigi liberat mill-imputazzjoni dwar il-falza denunzja fil-konfront ta' Joseph Mifsud u Josuel Farrugia.

**It-Tielet Imputazzjoni**

Il-Qorti tqis illi lanqas tista' tinsab xi reita` fl-imputat Darmanin ghad-delitt lilu addebitat fit-tielet imputazzjoni, cioe` illi ghamel attentat li jikkaguna feriti ta' natura gravi, u lanqas ghall-imputazzjoni li kkaguna offizi ta' natura hafifa, fuq il-persuna ta' Joseph Mifsud.

Jinghad illi sabiex jissussisti r-reat tal-offiza volontarja, hija mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Zammit**, moghtija fit-30 ta' Marzu 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:-

"*Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu."*

Fir-rigward ta' tentattiv tar-reat tal-offiza volontarja, li bih l-imputat qed jigi mixli fit-tielet imputazzjoni, il-Qorti hija konxja illi l-gurisprudenza mhijiex konkordi li jista' jigi ravvizat it-tenattiv ta' dan ir-reat. Izda, l-insenjament dottrinali li gie pacfikatament accettat u applikat mill-qrati taghna f'diversi sentenzi, ihaddan it-tezi

[13] *Notes on Criminal Law*, Vol. 2. Page 64.

tal-Antolisei. Kif ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Briffa**[14]:-

*"Din il-Qorti tara li dan il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accettata mill-Qrati tal-Gustizja Kriminali taghna u cioe` li jista jkollok tentattiv ta' offiza gravi jew gravissima purche` jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew gravissima skond il-kaz."*

Fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti, ghandu jinghad mill-ewwel li ma hemm ebda prova fl-atti illi l-imputat Darmanin agixxa fil-konfront ta' Joseph Mifsud b'mod li juri li kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna offiza ta' natura gravi lil Joseph Mifsud meta allegatament waqfu fuq il-*bus stop* u hebb ghalih. Effettivament, l-uniku xhud prodott biex jixhed in konnessjoni ma' dan l-allegat episodju, huwa l-allegat vittma stess, Joseph Mifsud. Izda jigi osservat illi dan ix-xhud, oltre li xehed kif l-imputat Darmanin "*hareg ghalija, jghajjat mieghi ...*" ma fisser bl-ebda mod bl-azzjonijiet tal-imputat dak il-hin, u kif dawn l-azzjonijiet jistghu juru li l-imputat kellu l-hsieb li jikkaguna offizi fuq il-persuna tax-xhud. Huwa minnu illi Joseph Mifsud xehed illi "*bdew iwahhlu fina u hekk u jheddidna li x'jismu, bl-armi u bl-affarijiet tal-glied*" izda mkien ma qal illi l-imputat Darmanin aggredih jew ipprova jaggredih.

Maghdud dan, Joseph Mifsud, waqt id-depozizzjoni tieghu ma ghamel ebda accenn ghall-bicca hadida li semmiet fix-xhieda tal-eks Spettur Carol Fabri: fir-rigward, din ix-xhud xehdet illi Joseph Mifsud, meta rrapporta s-sekwestru illegali li allegatament sehh fuq il-*bus stop*, iddeskriva kif l-imputat Darmanin "*nizel ghalih ukoll b'bicca hadida*". Ghalkemm mill-PIRS esebit a fol.23 *et seq.*[15] tal-atti jirrizulta illi meta gie mitkellem mill-Pulizija dwar ir-rapport li sar mill-imputati odjerni in konnessjoni mal-

[14] Deciza fis-16 ta' Ottubru 2003.
[15] L-istes rapport gie esebit mill-Ispettur L. Butters bhala Dok. LB a fol. 52 *et seq*. tal-atti.

hruq tal-kamra, Joseph Mifsud kien effettivament allega illi l-imputat Darmanin "*tah xi daqqiet b'hadida*", u jidher li sar rapport separat dwar dan l-allegat incident ta' swat, ma gie esebit l-ebda rapport fl-atti b'rabta ma' din l-allegazzjoni ta' swat, u apparti l-Ispettur Fabri ma gie prodott ebda xhud iehor biex jixhed dwar l-allegat episodju.

Mimzum ferm il-mankanza assoluta ta' provi mressqa mill-Prosekuzzjoni biex jillustraw mhux biss id-dinamika tal-allegat incident, izda wkoll biex juru li l-incident innifsu fejn l-imputat Darmanin allegatament ghamel tentattiv li jikkaguna offizi gravi fuq il-persuna ta' Joseph Mifsud, attwalment sehh, huwa impossibbli ghall-Qorti li tidentifika xi intenzjoni specifika fl-imputat li jikkaguna offiza, ahseb u ara offizi ta' natura gravi, fuq il-persuna ta' Joseph Mifsud.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tosserva ulterjorment illi ghalkemm l-imputat Darmanin gie mixli wkoll illi kkaguna griehi hfief fuq il-persuna tal-imsemmi Joseph Mifsud, l-allegat vittma ma ghamel ebda accenn kwalsiasi fix-xhieda tieghu ghal xi offizi li allegatament garrab fuq il-persuna tieghu. Huwa minnu illi fl-atti gie esebit certifikat mediku ta' Joseph Farrugia[16], izda l-Qorti tosserva li t-tabib li ezamina u ccertifika l-griehi li allegatament gew ikkonstatati, ma giex prodott biex jixhed u jikkonferma dan ic-certifikat. Maghdud dan, kif diga` gie osservat, l-allegat vittma nnifsu f'ebda hin ma xehed illi l-imputat Darmanin tah xi daqqiet jew illi kkagunalu xi feriti.

Ghaldaqstant, ma tistax tinstab htija fl-imputat Darmanin ghar-reati addebitati fit-tielet imputazzjoni.

---

[16] Datat 4 ta' Ottubru 2012, fol. 34.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Maghdud dan kollu, il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi ma jirrizulta mkien mill-atti u lanqas mid-depozizzjoni ta' Joseph Mifsud innifsu, illi l-allegat sekwestru illegali ta' Joseph Mifsud, l-allegat offizi ta' natura hafifa u t-tentattiv ta' delitt ta' feriti gravi, gew imwettqin fil-gurnata tat-3 ta' Ottubru 2012 fid-8.40 p.m. Anzi dan huwa eskluz mill-provi b'mod assolut ghaliex l-uniku episodju li mill-provi akkwiziti, senjatament mix-xhieda ta' PS879 Josef Galea[17], jirrizulta li sehh proprju f'din id-data u hin specifiku, huwa li **nhareg l-ordni ta' arrest tal-imsemmi Joseph Mifsud u ta' Josuel Farrugia**. Ghalkemm kif diga` stabbilit, huwa eskluz ukoll illi l-imputat Darmanin ikkometta r-reat tal-falza denunzja fit-3 ta' Ottubru 2012, ghall-Qorti m'huwiex attendibbli li l-imputat Darmanin **jigi akkuzat illi wettaq ir-reat ta' sewkestru illegali ta' persuna u kkagunalha griehi, fl-istess data u hin illi qieghed jakkuza lill-istess persuna quddiem awtorita` kompetenti b'reat**. Din hija inkompatibbilita` li mhux biss hija evidenti minn ezami superfijcali tal-atti, izda hija wahda li, fin-nuqqas ta' talba ghal korrezzjoni fid-data ta' talanqas uhud mill-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat Darmanin, hija irrikoncijabbli b'mod assolut.

**<u>Ir-Raba' Imputazzjoni</u>**

Dwar ir-raba' imputazzjoni, li tirreferi ghar-reat taht l-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9, il-Qorti tosserva mill-ewwel illi l-imputazzjoni hija miktuba b'mod li tirreferi ghal dak li gara f'jum partikolari biss – it-3 ta' Ottubru 2012 fid-8.40 p.m. Madanakollu, huwa assodat fil-gurisprudenza in materja illi biex ikun hemm htija taht l-Artikolu 251B, irid jirrizulta li jkun hemm *a course of conduct* u dan kif jidher mill-kliem: "*lil xi ħadd ieħor hekk jibża' <u>kull darba minn dawk l-okkażżjonijiet</u>*".

[17] Seduta 22 ta' April 2015, fol. 57.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Jeffrey Scicluna**, deciza fil-21 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali fissret illi ghalkemm huwa rikonoxxut illi jista' jkun hemm aktar minn okkazzjoni wahda fl-istess jum fejn jista' jkun hemm okkazzjoni ta' biza`, u ghalhekk ikun hemm lok ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 251B, kemm mill-imputazzjoni kif redatta kif ukoll mill-provi mressqa fl-atti tal-kaz odjern, ma jirrizultax li kien hemm *a course of conduct* fl-istess jum li seta' jwassal biex jigi rravvizat ir-reat ipotetizzat fl-Artikolu 251B[18].

Barra minn hekk, ma jirrizultax mill-atti processwali jew mix-xhieda illi kien hemm xi kundanni ohra tal-imputat Darmanin dwar theddid jew biza` kkagunata lil Joseph Mifsud u kif inghad, l-imputat u l-allegat vittma lanqas kienu jafu lil xulxin qabel l-episodju mertu ta' dan il-kaz.

Konformement, il-Qorti tqis li ma tistax tinsab htija fl-imputat ghar-raba' imputazzjoni kif dedotta.

## <u>Il-Hames Imputazzjoni</u>

Dwar il-hames imputazzjoni illi taddebita lill-imputat Darmanin ir-reat prospettat taht l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 399, ftit hemm x'jinghad. Dan ghaliex daqqa t'ghajn hafifa lejn l-atti minnufih tirrileva illi ma hemm assolutament ebda prova kwalsiasi illi l-imputat Darmanin fil-fatti marbutin ma' dan il-kaz, uza xi *network* jew apparat tal-komunikazzjoni elettronika, ahseb u ara illi uza dan l-apparat biex jikkommetti reat.

[18] Ara wkoll Pulizija vs Carmel Zammit, deciza 10 ta' Marzu 2014 u u Pulizija vs Neil Attard, deciza 15 ta' Dicembru 2014, entrambi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Il-Qorti tosserva illi lanqas jirrizulta mill-atti illi l-imputat Darmanin ghandu jew kellu fil-pussess tieghu fid-data u l-hin indikati fic-citazzjoni, xi apparat tal-komunikazzjoni elettronika kif prospettat fid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 399, u effettivament, ebda wiehed mix-xhieda mressqin mill-Prosekuzzjoni ma xehed jew allega illi l-imputat uza xi apparat ta' din ix-xorta fil-kommissjoni ta' xi reat. Ghalkemm huwa minnu illi l-eks Spettur Carol Fabri esebiet ir-rizultanzi tal-attivita` ta' diversi linji cellular, liema rizultanzi gew lilha pprovduti minn zewg *telecommunications service providers*, ma ntweriex a sodisfazzjon tal-Qorti li wahda minn dawn il-linji cellulari tappartjeni jew effettivament tinsab registrata f'isem l-imputat Darmanin. Jikkonsegwi ghalhekk illi l-prova li dan l-imputat hedded jew ghamel xi reat permezz tal-uzu da parti tieghu ta' xi network jew apparat kontemplat mill-Kapitolu 399, hija wkoll necessarjament mankanti.

Ghaldaqstant, l-imputat Darmanin ghandu jigi liberat ukoll mill-hames imputazzjoni.

**<u>IMPUTAZZJONJI DEDOTTA FIL-KONFRONT TAZ-ZEWG IMPUTATI</u>**

L-imputat Carmel Saliba gie mixli biss bir-reat taht l-Artikolu 110(1) tal-Kapitolu 9 - dan permezz tas-sitt imputazzjoni - liema reat qed jigi allegat li gie minnu kommess fit-2 ta' Ottubru 2012. L-imputat Darmanin ukoll gie akkuzat bl-istess reat fit-tieni parti tat-tieni imputazzjoni u fil-kaz tieghu, l-imputazzjoni tispecifika li dan ir-reat gie kommess ghad-detriment ta' Joseph Mifsud u Josuel Farrugia u dan fit-3 ta' Ottubru 2012 fid-8.40 p.m.

Ikkunsidrat;

Il-kalunnja li l-ligi tipprospetta fl-Artikolu 110(1) hija dik imsejha indiretta jew rejali. Il-Maino fir-rigward ta' dan ir-reat, jghid hekk:-

*"La calunnia reale consiste nel simulare a carico di persona che si sa innocente, le trace o gli indizi materiale di un reato ... Tale sarebbe il porre sul luogo di un reato un oggetto simile a quello portato dalla persona che si vuol colpire, ovvero il porre sulla persona o nell'abitazoine altrui un pugnale insanguinato, oppure una cosa furtiva."*[19]

L-element materjal ta' dan ir-reat jikkonsisti fil-fabrikazzjoni doluza ta' xi fatt li jidher li jezisti u li jista' jintuza bhala prova ta' xi reat kontra persuna li hija innocenti, filwaqt li l-element formali rikjest biex tinstab reita` jikkonsisti fl-intenzjoni da parti tal-agent illi l-holqien tal-prova falza iwassal ghall-akkuza jew kundanna ingusta ta' persuna innocenti, b'xi reat. Izda, huwa risaput illi biex tinstab htija ghal din il-forma ta' kalunnja, m'huwiex mehtieg li jkun hemm effettivament il-kundanna tal-persuna li hija akkuzata ingustament b'reat abbazi tal-prova fabrikata.

Ikkunsidrat;

Stabbilit dan, il-Qorti mill-ewwel tqis li ghandha tissenjala l-assenza assoluta ta' provi fl-atti processwali, in sostenn tal-allegat twettiq tar-reat taht l-Artikolu 110(1) li bih gew mixlija z-zewg imputati. Il-Qorti lanqas fehmet x'jista' jkunu l-provi foloz fabbrikati mill-imputati jew min minnhom f'dan il-kaz.

---

[19] Maino, citat mill-Prof. Sir A. Mamo f'Notes on Criminal Law, Vol. 2, page 67.

**Kwantu għall-imputat Darmanin**, ma gie allegat bl-ebda mod illi l-hruq tal-kamra li gie rapportat minnu, sar biex iservi bhala prova falza kontra Joseph Mifsud jew Josuel Farrugia. Kif stabbilit mix-xhieda tal-Ispettur Lara Butters[20] u l-investigazzjonijiet li hija wettqet fir-rigward, irrizulta il-kamra tal-imputat Darmanin verament giet mahruqa u li kien sar ukoll sgass, izda ma rrizulta xejn iktar minn hekk. Imkien fl-investigazzjonijiet li saru qatt kien hemm xi hjiel ta' prova falza li giet fabbrikata mill-imputat Darmanin biex abbazi taghha jigu akkuzati Joseph Mifsud u Josuel Farrugia bil-hruq tal-kamra tieghu.

Ghalkemm jirrizulta bhala fatt illi l-kamra tal-imputat Darmanin inharqet, illi huwa rrapporta l-hruq doluz li sar, u illi gew arrestati in konnessjoni ma' dan ir-rapport l-imsemmija Joseph Mifsud u Josuel Farrugia fuq informazzjoni li nghatatlu mill-imputat l-iehor Carmel Saliba, ma jirrizultax illi l-arrest tal-imsemmija zewg persuni in konnessjoni ma' dan il-hruq sar minhabba xi prova falza li giet fabbrikata. Fir-rigward, il-Qorti tqis illi jekk qabel xejn ma jigix stabbilit illi kien hemm prova li giet fabbrikata dolozament bl-intenzjoni li tintuza bhala prova ta' xi reat kontra dawn l-imsemmija persuni, huwa kompletament immaterjali ghall-finijiet tar-reat taht l-Artikolu 110(1) il-fatt illi seta' gie stabbilit li, wara kollox, ma kienux dawn iz-zewg persuni li effettivament taw in-nar lill-kamra tal-imputat Darmanin.

Barra minn hekk, jirrizulta mill-atti illi l-kamra nghatat in-nar fl-1 ta' Ottubru 2012, u mhux fit-3 ta' Ottubru 2012 li hija d-data indikata fic-citazzjoni li fiha l-imputat Darmanin gie mixli wettaq ir-reat taht l-Artikolu 110(1). Ghaldaqstant, anke jekk ghal mument, kellu jigi koncess l-ipotesi li dan il-hruq kien dolozament iffabbrikat biex iwassal ghall-arrest ta' Joseph Mifsud u Josuel Farrugia, ma jirrizultax li sar xi hruq fit-3 ta' Ottubru 2012.

[20] Xhieda 22 ta' Mejju 2015.

**Kwantu ghall-imputat Carmel Saliba**, il-Qorti fehmet illi mill-investigazzjonijiet li saru in konnessjoni mal-hruq tal-kamra tal-imputat Darmanin, il-Pulizija kkonstataw illi Joseph Mifsud u Josuel Farrugia ma kienux, wara kollox, fl-akkwati tal-kamra tal-imputat Darmanin fil-hin meta din inghatat in-nar, u dan kuntrarjament ghal dak li rrapporta l-imputat Saliba meta ddenunzja lill-imsemmija zewg persuni in konnessjoni ma' dan il-hruq[21]. Izda, kif rajna, biex jissussisti r-reat tal-holqien qarrieqi ta' provi foloz, jehtieg illi jigi ppruvat mhux biss l-element materjali konsistenti fil-holqien ta' fatt li ghad li gie fabrikat, jidher li verament jezisti, izda wkoll il-hsieb specifiku li dan il-fatt fabbrikat jintuza bhala prova kontra persuna ohra. Fil-kaz tal-imputat Saliba, ma hemm assolutament xejn fl-atti li juri illi dan l-imputat, oltre li ddenunzja lil Joseph Mifsud u lil Josuel Farrugia lill-Pulizija bir-reat ta' hsara volontarja cioe` hruq tal-kamra tal-imputat Daramin, holoq dolozament xi evidenza falza biex tintuza kontra l-imsemmija persuni.

Barra minn hekk, biex jikkonfigura r-reat tal-kalunnja dirett jew verbali, id-denunzja ta' persuna quddiem awtorita` kompetenti trid issir necessarjament bl-intenzjoni specifika illi titwettaq hsara lil persuna jew persuni illi jigu akkuzati ingustament, u l-Qorti wara li rat l-atti m'hijiex konvinta illi l-imputat Saliba iddenunzja lill-imsemmija persuni dolozament. Izda f'kull kaz, ghandu jinghad illi l-imputat Saliba ma giex mixli bir-reat ta' kalunnja taht l-Artikolu 101 izda gie mixli unikament b'kalunnja reali taht l-Artikolu 110(1).

Ghaldaqstant il-Qorti ma ghandha ebda triq ohra ghajr illi tillibera lill-imputat Darmanin kif ukoll lill-imputat Saliba minn kull htija ghar-reat taht l-Artikolu 110(1) tal-Kapitolu 9 lilhom addebitat fit-tieni imputazzjoni u fis-sitt imputazzjoni rispettivament.

[21] Ara xhieda tal-eks Spettur Carol Fabri.

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi kwantu ghall-imputat Joseph Darmanin, ma ssibux hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoni migjuba kontrih, u kwantu ghall-imputat Carmel Saliba, ma ssibux hati tas-sitt imputazzjoni li giet migjuba kontrih, u tillibera ghalhekk liz-zewg imputati minn kull htija u piena ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrihom.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**

**MAGISTRAT.**